KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 1/2021**

13 ta' Jannar 2021

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filghaxija.

## PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chricop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kienx hemm

## ASSENTI:

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**1.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

**1.1.1** Ma kinx hemm

**1.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

**1.2.1** Il-minuti ta' seduta numru 12 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

**1.2.2** Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sinjur Christopher Bruno il-minuti ġew approvati unanimament

**1.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**1.3.A** Is-Sindku informa l-Kunsill illi s-Sea Bin li qiegħed in-naħa tax-Xatt tal-Kalkara huwa funzjonanti u qiegħed jitbattal minn clean malta darbtejn fil-ġimgħa. Huwa saħaq illi wara ħafna żmien il-kunsill irnexxielu jirregoralizza l-affarijiet li kien hemm pendeti fuq dan is-sea bin. Is-Sindku informa l-kunsill ukoll illi s-Sinjura Speranza Chircop flimkien mas-Seg Eżek fil-ġranet li ġejjin ser tkun qed tikkordina lista ta' nies li taw l-għajnuna tagħhom biex dan is-sea bin ġie installat fil-Kalkara biex b'hekk tku tista' titweħħel plakka bl-ismijiet rispettivi bħala grazzi tal-għajnuna tagħhom hekk kif ukoll kien miftihem fil-leġislatura preċedenti.

B Is-Sur Sindku nforma l-kunsill illi wasal iż-żmien illi l-bandiera tal-kunsill li tittella' n-naħa tax-Xatt tal-Kalkara tinbidel għaliex l-istat fil-preżent hija waħda tal-biża' dan wara li ddeterjorat kompletament bl-elementi tat-temp. Fl-istess ħin is-Sindku wera fuq mappa fejn fil-fehma tiegħu għandu jersaq l-arblu tal-kunsill biex ikun f'post aktar ċentrali fiċ-ċentru tal-lokal temporanjament dan il-għaliex il-kunsill qed jistenna li jinbeda l-proġett ta' riġenerazzjoni tal-istess xatt. Il-kunsill qabel unanimament ma' dawn is-suġġerimenti minn naħa tas-Sindku la darba isir kollox bil-permess speċjalment fil-punt li jitressaq l-arblu minnufih.

Is-Sur Christopher Bruno ssuġġerixxa wkoll illi l-kunsill għandu jkollu arblu bil-bandiera tal-lokal fuq il-mina tal-Kalkara. Is-Sindku nfurmah illi din kienet diġa' ġiet diskussa f'seduti preċedenti minħabba li hija kwistjoni taħraq ħabba raġunijiet ta' loġistika u minħabba l-fatt illi fil-lokal hemm 2 każini u mhux 1 u ma jistgħux jinħolqu preċedenti. Huwa għaddej f'diskussjonijiet kontinwi ma' każin partikolari

biex l-arblu li hemm fil-preżent fuq il-mina jiġi rregoralizzat u jiġi miftiħem kif u min ser ikun qed itella' l-bandiera tal-lokal fil-futur qarib.

C Is-Sindku talab il-kunsill il-kummenti / approvazzjoni tal-performance appraisal bonuses tal-impjegati kif ukoll tas-Seg Eżek. Il-kunsill qabel unanimament fuq il-persentaġġi ta' performance bonuses hekk kif indikat hawn taħt:

Segretarju Eżekkuttiv, is-Sinjorina Elaine Crauana – 10%

Staff Amministrattiv, Is-Sinjorina Maria Dolores Camilleri – 6%
Staff Amministrattiv, Is-Sur Deemer Bilocca – 6%
Contracts Manager, Is-Sur Brian Loffreda – 6%
Maintenance, Is-Sur Martin Meilaq – 6%

D Is-Sindku nforma l-kunsill dwar refund li ser ikun qiegħed jingħata lill-kunsill minn naħa tar-Reġjun Xlokk fir-rigward it-tiżjin tal-milied li ntrama fis-sena 2020 minn naħa tal-każini tal-baned tal-lokal kif ukoll mill-kuntrattur tal-kunsill. Is-Sindku kkonferma illi l-każin ġew mogħotija 200 ewro kull wieħed filwaqt illi l-kumplament tal-elf li ser jingħata lill-kunsill mir-Reġjun ser ikun qed jintuża biex jiġi mħallas l-kuntrattur innifsu.

E Is-Sur Sindku informa lill-kunsill illi l-ġranet tal-ġbir tal-iskart goff ser ikunu qiegħedin jinbidlu ħabba raġunijiet ta' loġistika mill-kuntrattur stess u ser jinġabar kull nhar ta' Tlieta u Ħamis minflok it-Tnejn u l-Ħamis. Is-Sindku kkumenta fuq kif il-kunsill flimkien mal-kuntrattur bl-arranġamenti u diskussjonijiet li saru waqt din il-pandemija s-servizz baqa' jingħata lir-residenti bla problemi ta' xejn anka meta kien hemm xi problemi relatati ma' saħħa. Huwa qal li bit-tajjeb u l-ħażin ir-residenti baqgħu jiġu moqdijin mill-aħjar mod possibli.

F Is-Sindku talab l-għajnuna tal-kunsilliera la darba jiltaqgħu man-nies jew ikollom xi lment fuq il-kostruzzjoni tat-Triq is-Sienja li qed issir fil-preżent. Huwa qal illi fuq proposti tal-kunsill preċedenti saru u ġew konklużi toroq diġa' fil-lokal u fil-preżent qed issir Triq is-Sienja. Huwa qal illi huwa stess flimkien mas-Seg Eżek qiegħed f'diskussjonijiet kontinwi mal-Perit inkarigat fuq din it-triq biex kull ilment li jidħol jiġi ndirizzat fl-inqas żmien possibli. Is-Sindku qall illi veru illi sakemm isiru x-xogħolijiet ser ikun hemm inkonvenjent kbir pero' wieħed irid jifhem illi x-xogħol irid isir biex finalment ikollna toroq aħjar għal benefiċċju tar-residenti stess u għal benefiċċju ta' kulħadd. Is-Sindku spjega illi Triq is-Sienja kienet maħsuba li ssir f'żewġ fażijiet fejn fil-fehma tiegħu ma kinitx l-aħjar loġistika possibbli għar-residenti tal-Kalkara għalekk kien hu li għamel enfażi li t-triq għandha ssir biċċa biċċa biex b'hekk jitnaqqas l-inkonvenjent speċjalment fejn jidħlu garaxxijiet fiż-żona.

G Is-Sindku qara email li rċieva l-kunsill fir-rigward tax-xogħolijiet li qed isiru fit-taraġ San Ġużepp minn naħa tal-kordinatur li qed jieħu ħsieb iż-żona. Fl-istess ħin talab lis-Sinjura Maria Sultana timmoniterja ż-żona għal ġimgħa peress li hija tkun ħafna 'l dawk in-naħat biex ikollna noti bil-fatti biex fi żmien ġimgħa nerġgħu nkellmu l-kordinatur il-għaliex din il-kwistjoni ilha għaddejja snin u għadna ma wasalna imkien. Tajjeb li s-Sinjura Sultana tgħaddi l-informazzjoni lis-Sindku fil-ġranet li ġejjin biex b'hekk ikunu jista' jitkellem fuq il-fatti mal-persuni kkonċernati.

H 1 Is-Sindku nforma l-kunsill illi ġiet imweħħla l-bandiera tar-Reġjun Xlokk li ser tiġi refunded mir-Reġjun stess fil-ġranet li ġejjin, kif ukoll saħaq illi ser tkun qed tingħata bandiera oħra tal-Fondazzjoni Kottonera fil-qarib li din ukoll mhux ser tiġi mħallsa mill-kunsill.

H2 Is – Sindku spjega fid-dettall rapport minn naħa tal-contracts manager li daħlu matul ix-xahar b'eżempji fuq il-mejda ċari li jinkludu ritratti biex il-kunsill jifhem aħjar dak li jkun qed jagħmel il-contracts manager kuljum minħabba l-fatt illi kien hemm xi kunsilliera li ġieli kkumentaw u saqsew x'jagħmel eżatt il-contracts manager ingaġġat mill-kunsill stess. Huwa spjega b'eżempji ċari d-doveri tal-contracts manager biex ma jkunx hemm min forsi jiddubita minn xogħolu.

Is-Sur Vince Bongailas saħaq illi xogħol l-contracts manager qed jiġi inutli la darba l-kunsill ma jieħux passi kontra l-kuntratturi abbażi tar-rapporti li joħrog il-contracts manager stess. Is-Sindku saħaq illi fit-teknika dak li qed jgħid is-Sur Bongailas jagħmel sens pero' wieħed irid jevalwa sitwazzjonijiet oħra li l-kunsill jinsab fih speċjalment dejn mal-kuntratturi rispettivi kif ukoll ' xogħol ' li ma jidirx bħal meta pereżempju jinġabar skart goff mhux fl-iskeda tal-kuntrattur minn xi żona li xi ħadd jaqbad u jitfa għal konvenjenza tiegħu. Is-Sindku għamilha ċara illi hu qatt ma ġie mgħedded mill-kuntratturi fuq l-ebda natura pero' wiħhed irid jaħseb f'dak li jista' jiġri la darba toħrog 'default notice' lil xi ħadd. Huwa qal illi din il-Ġimgħa stess ser ikun qed jiltaqa' mal-kuntratturi biex jiddiskuti magħhom in-nuqqasijiet u jinsab arranġament biex dawn l-imenti fuq is-servizz li qed jagħtu huma stess lill-kunsill jitnaqqsu drastikament qabel ma wieħed jiddeċiedili jieħu deċizjonijiet ħorox ulterjuri.

H3 Is-Sur Sindku nforma l-kunsill illi l-ismijiet tat-toroq li ġew issuġeriti aktar kmieni fis-sena 2020 ġew aċċettati minn naħa tal-kummisjoni għat-tismijiet tat-toroq kif ukoll ser ikun qed jieħu ħsieb huwa n-nomenklatura ta' dawn it-toroq. Huwa jifhem illi dan it-tibdil ser iġib miegħu xi skomditajiet lir-residenti fiż-żoni li ser jiġu mbiddla l-ismijiet pero' kien hemm bżonn li dan l-eżerċizzju jsir. Is-Sindku qal ukoll illi wara dan l-ewwel eżerċizzju ser ikun qed jinbeda loġistiku għal eżerċiżżju ieħor għal żoni oħra fil-lokal hekk kif kien diġa' ġie diskuss u maqbul f'seduti oħrajn.

I 1 Is-Sindku nforma l-kunsill illi fix-xahar ta' Jannar ser ikollu laqgħa formali ma' min hu responsabbli fejn jidħlu l-'community police' dan wara li kien huwa stess li għamel pressjoni biex il-Kalkara tiġi nkluża f'din l-inizjattiva superba li ser ikunu qed igawdu minnha n-nies tal-lokal fil-futur qarib. Il-kunsill ser ikollu kuntestabbli stazzjonati l-uffiċju kif ukoll ser ikunu qed iduru fil-lokal b'roti u xi mezzi ta' transport oħra biex jagħtu servizz ta' 'patrolling' u ta' dak kollhu li jkun hemm bżonn. Aktar informazzjoni ta' kif ħa taħdem din l-inizjattiva fil-lokal tal-Kalkara ser tkun qed tingħata la darba ssir din il-laqgħa ta' introduzzjoni ma' dawn in-nies.

1.4a ( 13.13b) Mill-minuti preċedenti Is-Sindku nforma l-kunsill illi ser ikun qed jintbgħatilom 'soft copy' tar-rapport imħejji minn nies tekniċi fir-rigward tal-proġett li jġib l-isem ta' 'slow streets' hekk kif kien diġa' wehdom f'seduti preċedenti. Huwa qal illi hu flimkien mas-Seg Eżek kienu attendew għal preżentazzjoni ta' dan ir-rapport fuq il-lokal tal-Kalkara aktar kmieni fix-xahar ta' Diċembru. Huwa saħaq illi hemm miżuri żgħar li qiegħed jista' jieħu mingħajr ma jintefqu flus kbar mill-istess kunsill li huma ferm sbieħ u li jistgħu jkunu ta' għajnuna lir-residenti Kalkariżi biex ikollhom aktar spazji pubbliċi fejn jistgħu wkoll jiġu mgawda minnhom. Huwa talab lill-membri tal-kunsill jagħtuh daqqa t'għajn u forsi jaddulu xi kummenti minn naħa tagħhom fir-rigward ta' dan l-istess rapport.

b ( 13.4) Mill-minuti preċedenti Is-Sindku nforma l-kunsill illi fil-ġranet li ġejjin is-Seg Eżek ser tkun qed tikkordina laqgħa mas-Sur Viċi Sindku biex jiġu mqassma 'vouchers' għan-neutering għal qtates li jgħixu barra fit-toroq fil-lokal kif ukoll tinħadem logistika biex jinxtara ikel u jiġi mqassam il-feeders lokali li għandna fil-preżent.

1.5 A Is-Sur Viċi Sindku saħaq illi hemm bżonn li tiġi skedata laqgħa mad-direttur ta' Smart City biex jiġu diskussi materji li jaqgħu taħt din iż-żona dan il-għaliex iż-żona taqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Kalkara bid-differenza li hija entita' privata li qed tieħu ħsieb dak kollhu li hemm bżonn. Huwa qal illi qed jiġi avviċinat minn ħafna nies b'ilmenti u suġġerimenti validi li wieħed jista' jagħmel lill-amministrazzjoni ta' Smart City biex jiġu evalwati minn naħa tagħhom.

B Is-Sinjura Sultana qalet illi t-tfal ħadu pjaċir immens bil-cases li ingħatawlom aktar kmieni f'Diċembru 2020 għal okkażżjoni ta' Jum il-Kalkara. Hija rringrazzjat lis-Sindku li laqa' t-talba tagħha kif ukoll lis-Seg li ħadmet fuq il-loġistika biex jinxtraw dawn ir-rigali żgħar li ġew imqassma lil kull tifel u tifla fl-iskola primarja tal-Kalkara. Is-Sindku talab lis-Sinjura Sultana biex din is-sena taħdem fuq il-kunsill tat-tfal. Huwa jifhem illi ċ-ċirkostanzi m'humiex faċli għal ħadd minħabba l-pandemija li hawn fil-preżent pero' wieħed jista' jibda jfittex tfal li huma nteressati

ikunu parti minn dan il-kunsill biex kif il-ħajja tiġi lura għan-normal wieħed diġa' jkolli bażi lest biex ilaqqa' t-tfal interessati.

C Is-Sinjura Speranza Chircop talbet l-għajnuna tas-Sindku fejn tidħol l-inizjattiva ta' Transport alternattiv bħal dak li qed jiġi ntrodott bl-isem ta' 'silver t'. Is-Sindku qal illi tajjeb li wieħed ikellem il-Ministru l-ġdid li issa ħa post dak li kien hemm fil passat fuq din il-kwistjoni biex fil-futur jieħdu fil-kunsiderazzjoni tagħhom il-lokal tal-Kalkara speċjalment minħabba l-fatt illi fil-lokal hawn maġġoranza ta' anzjani u jaf li inizjattiva bħal din tinżel tajjeb ħafna mar-residenti anzjani tagħna.

D Is-Sur Bruno kompla fuq dak li qalet is-Sinjura Sultana fejn hu kellu diskussjoni mas-Sur Mario Fava fuq l-istess servizz u qed jistenna informazzjoni konkreta biex jara wieħed x'jista' jagħmel biex jinġieb dan is-servizz fil-Kalkara wkoll.

**1.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

1.6.1 Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

1.6.2 Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 13.20

**1.7 Mozzjonijiet**

1.7.1 Fuq mozzjoni tas-Sur Chris Bruno li ressaq mozzjoni biex jiġu mwarrba 700 ewro lil kull kunsillier għal affini ta' xi attivita' li jkunu jridu jagħmlu l-maġġoranza tal-kunsill qabel dan wara li s-Seg Eżek għamlet enfażi li fil-preżent l-allokazzjoni finanzjarja tal-kunsill ma treġix din il-mozzjoni minħabba raġunijiet ovvji speċjalment minħabba l-fatt illi l-kunsill veru jillapazza bil-ftit li li jibqalu għal affarijiet aktar importanti li jkunu jridu jsiru matul is-sena. Infatti hija saħħqet kemm ikun diffiċli jżomm mal-budget preparat f'kull bidu tas-sena minħabba l-pożizzjoni finanzjarja prekarja li l-kunsill qiegħed fih. Is-Sindku filwaqt li qabel mas-Seg Eżek u ma qabilx ma' din il-mozzjoni żied jgħid illi biex tagħmel attivita' ma hemmx bżonn li jintefqu flus mill-allokazzjoni tal-kunsill bħal ma ġieli kunsilliera partikolari għamlet attivitajiet mingħajr ma talbet l-ebda għajnuna finanzjarja mill-allokazzjoni tal-kunsill. Huwa saħaq li wieħed jista' jsaqqaf wiċċu ma' nies li forsi

jaf biex iġib għajnuna ulterjuri minn dik finanzjarja biex iwiegħed jagħmel attivita' fil-verita'.

**1.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

1.8.1 Is-Seduta ntemmet fis-6:45 pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għas-17 ta' Frar 2021 fl-4:00 pm.

Konfermati, illum ______________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv